**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

<u>Il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2017</u>

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 62.1 Introduzzjoni

62.1.1 Qabel bdiet il-laqgħa, il-Kunsill laqgħa lill-koppja residenti ġo Ħal Lija fejn dawn ġew biex jitkellmu mal-Kunsill fuq l-area ta' Hal Mann.
62.1.2 Huma ġejjin joqgħodu ġo Ħal Lija u xtaqu jgħinu l-Kunsill billi jagħmlu CCTV cameras li huma installaw f'din l-area u b'hekk ikun jista' jiġi issorveljat l-iskart f'din l-area.
62.1.3 Il-Kunsill iddiskuta li għandu jiġi stabbilit post wieħed fejn għandu jintrema l-iskart.
62.1.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġerit post ieħor għaliex fejn qed jintrema issa huwa dejjaq.
62.1.5 Hija ssuġerit li għandhom isiru bars bħal m'hemm fil-Housing Estate u bar oħra fuq quddiem.
62.1.6 Il-Kunsill qabel dwar dan u għandu jiġi identifikat il-post eżatt fejn għandu jintrema l-iskart.
62.1.7 Għandhom jiġu nfurmati r-residenti ta' din l-area b'dan it-tibdil.
62.1.8 Il-Kunsill irringrazzja lil dawn ir-residenti ta' l-għajnuna tagħhom f'dan ir-rigward.
62.1.9 Il-laqgħa bdiet fil-5.10p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku.
62.1.10 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 61 tal-25 ta' Mejju 2017.
62.1.11 Korrezzjonijiet ma kienx hemm. Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Salvu Farrugia minuti nr 61 bid-data tal-25 ta' Mejju 2017 ġew approvati unanimament.

## 62.2 Punti mqajma mill-minuti

62.2.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ressqet ilment li fi Sqaq Nru.5 fi Triq il-Forn intramew ħafna siġġijiet u imbarazz ieħor.
62.2.2 Peress li ma ġiex identifikat min ħariġhom dawn ser jinġabru mal-Bulky Refuse nhar is-Sibt 24 ta' Ġunju 2017.
62.2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 61.4.7 fuq fejn hija staqsiet għaliex reġgħa kien hemm *query* fuq fejn għandhom jitpoġġew il-bring-in-sites wara li diġa kien deċiż fil-laqgħa ta' qabel.
62.2.4 Is-Sinjorina Farrugia baqgħet tinsisti li għandu jinżamm l-istess post li kien deċiż.
62.2.5 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-GreenPak tawna kwotazzjoni ta' sistema ta' *roaming cameras* li tiġi fuq il-bring-in-sites.
62.2.6 Din is-sistema tqum €450.00 + vat u l-Kunsill qabel li din għandha titpoġġa mal-bring-in-sites.
62.2.7 Għandha tintalab iktar informazzjoni bħal *specifications* ta' din is-CCTV camera.
62.2.8 Il-Kunsill reġgħa iddeċieda li l-bring-in-sites u l-camera għandhom isiru flimkien quddiem 'Villa Videnza' fi Triq il-Mitħna.
62.2.9 Minn naħa tal-Kunsill għandu jitwaħħal 'signage'

62.2.10Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet ukoll għaliex għada ma tneħħietx il-bin tal-ħwejjeġ li kellha titneħħa mit-triq Robert Mifsud Bonnici u titpoġġa ħdejn il-ġnien tal-Mirakli.

62.2.11Is-Segretarju nfurmat li ntbagħtu diversi e-mails u telefonati biex din titneħħa. Għandu jiġi iċċekkjat dwar dan.

## 62.3 Komunikkazzjoni mingħand is-Sindku – VIP list

62.3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija kienet attendiet żewġ laqgħat.

62.3.2 Waħda fuq funds li qed joħorġu l- Art & Culture Centre u ġabet l-informazzjoni kollha fuq dawn il-fondi fejn anke nistgħu napplikaw għal NGO's jew nistgħu ukoll nieħdu sehem magħhom.

62.3.3 Hija ppreżentat funding calendar ta' attivitajiet li diġa applikaw għalihom fejn dan għandu jintbagħat lill-Kunsilliera kollha.

62.3.4 Laqgħa oħra li s-Sindku attendiet hija dik mat-Three Villages – Discovering Malta & Gozo.

62.3.5 Is-Sindku qed tagħmel kuntatt ma' ħames minn nies li jistgħu joffru crafts bħal min jagħmel il-bizzilla, mushrooms etc.....

62.3.6 Hija tat informazzjoni dwar dan il-proġett u ppreżentat *working document* ta' kif ser jaħdem dan il-proġett u dan għandu jingħata lill-Kunsilliera kollha ukoll.

62.3.7 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill b'ilment ta' double yellow lines twal li qegħdin fi Triq Preziosi minn ħdejn Philmar Store u jibqgħu sejrin ħdejn il-garaxxijiet.

62.3.8 L-ilment kien x'kienet ir-raġuni li qed naħlu dan il-parking kollhu u terġa u tgħid il-ħanut ta' faċċata qed jagħmel display tal-prodotti tiegħu fit-triq.

62.3.9 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li sar rapport lill-pulizija fuq dan l-ilment. Is-Surgenta ġiet 'on site' u sid il-ħanut ġiet imġela tneħħiehom immedjatament għax dawn mhumiex bil-liġi.

62.3.10Għandu jiġi iċċekkjat li dan sar.

62.3.11Is-Segretarju nfurmat li l-yellow lines kienu ntalbu mir-residenti ta' faċċata u ġew approvati minn Transport Malta.

62.3.12 Is-Sindku ssuġerit li d-double yellow lines jistgħu jibqgħu quddiem ir-residenti li talabhom u quddiem il-garaxxijiet, il-kumplament jistgħu jitneħħew u b'hekk nistgħu nigwadanjaw parking space.

62.3.13 Għandna mmoru 'on site' biex naraw eżatt x'jrid jitneħħa u nibgħatu għall-permess lil Transport Malta biex jiġu irranġati dawn il-yellow lines u jkun hemm parking space.

62.3.14Is-Sur Salvu Farrugia ressaq ilment li għandu isir refreshing ta' lines fi Triq Merino u Triq Preziosi.

62.3.15 Is-Sur Salvu Farrugia ressaq ilment ieħor ta' resident li joqgħod fi triq Preziosi fejn saru il-*parking bays* il-ġodda.

62.3.16Huwa qed ikollu diffikulta biex joħroġ mix-xatba ta' l-għalqa bit-truck għalhekk qed jitlob li minbarra il-yellow lines li għaminielhu l-isfel fit-triq irid jitneħħa *parking bay* ieħor il-fuq.

62.3.17 Il-Kunsill qabel li għandu jitneħħa ż-żejjed l-isfel u ż-żejjed jitpoġġa l-fuq.

62.3.18 Is-Sur Salvu Farrugia ressaq ilment ieħor ta' resident fi-tarf ta' triq Preziosi li xtaq li jitneħħa *parking bay* minħabba li qed isib diffikulta biex joħroġ bil-wheelchair.

62.3.19Il-Kunsill qabel li dan għandu jitneħħa.

62.3.20Resident jixtieq jagħmel request lill-Kunsill biex isir *blue badge parking bay for disabled persons* li jista' jintuża min kulħadd bħal m'hemm fil-pjazza. Din jixtieqa fi triq Ġiovanni Barbara faċċata ta' Ċentru Rekreattiv.

62.3.21Dan għaliex huwa għandu tifel bi bżonnijiet speċjali li juża wheelchair kull meta jmur iċ-Ċentru Rekreattiv ġieli ma jsibx jipparkja u jkollu jipparkja l-bogħod u għalhekk ikun diffiċli għalih biex jieħu t-tifel tiegħu f'dan il-ġnien. Kif ukoll qalilna li hemm ħafna parking bays imma m'hemmx waħda għal persuni b'diżabilta'.

62.3.22 Wara li l-Kunsill iddiskuta dan l-ilment approva li dan għandu jsir. Għanda tintbagħat request lit-TM għall-approvazzjoni tagħhom.

62.3.23Tressaq ilment li residenta li toqgħod fi triq Sant'Andrija u li ngħatat 'reserved parking' qegħda tipparkja fuq parking bay vojt biex tħalli r-reserved parking vojt għall-karozza oħra minn tagħhom.

62.3.24Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u qal li dan mhux sewwa u li għandna nkellmuha biex la għandha r-*reserved parking* għandha tuża *r-reserved* l-ewwel.

62.3.25Residenta tixtieq tressaq request biex Triq il-Kbira isir *pedestrian priority zone* kif hemm ħdejn il-knisja ta' Naxxar. Kif ukoll biex isir sleeping policeman fl-istess triq fejn il-Precius. Dan għaliex il-karozzi qegħdin jgħaddu *gas down* minn din it-triq u għamlulha l-ħsara fil-vettura tagħha xi erba' darbiet.

62.3.26 Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġeriment u ġie deċiż li għandna napplikaw għal *priority pedestrian zone* ma'TM minn Vjal it-Trasfigurazzjoni minn ħdejn il-Club tal-Labour Party ma' dawra kollha sas-sorijiet qabel ma tinżel l-isfel għal triq Sir Ugo Mifsud.

62.3.27Ċittadin jixtieq jipproponi lil l-għarusa tiegħu fuq it-Torri Belvedere f'l-10 ta' Awwissu 2017. Kull ma għandu bżonn 30 minuta, jixtieq ikun jaf jekk hux posibbli jew le.

62.3.28 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u qabel li għandna napprovaw din ir-request imma 'at a charge' bħal ma nagħmlu s-soltu.

62.3.29 Għandna ngħidu li dan iċ-ċittadin biex ma jitlax sa fuq nett tat-Torri għax huwa perikoluż u għandna niċċarġjawh €30 bħalma iċċarġjajna lil ħaddieħor.

62.3.30Is-Segretarju nfurmat li l-Avukat tad-Dipartiment reġgħet baghatitilna biex niċċaraw xi affarijiet fuq il-bye-laws li issa resqin għat-tielet sena minn meta l-Kunsill applika għalihom.

62.3.31Hija qalet li din l-informazzjoni kienet diġa ingħatatilha imma erġajna bagħtnijilha.

62.3.32 Il-Kunsill disapprova dan id-dewmien kollu biex jiġu approvati l-bye-laws.

62.3.33L-Imħallef, residenta fi triq il-Mirakli qed tagħmel request biex issir reserved parking quddiem ir-residenza tagħha. Dan ir-request qiegħed jintalab mhux minħabba li għandha xi diżabilita' imma minħabba l-kariga tagħha ta' imħallef.

62.3.34 Il-Kunsill qabel ma' dan ir-request u għandna nibagħtu lit-TM għall-approvazzjoni.

62.3.35Tressqet email b'request mingħand residenta li toqgħod triq il-Forn fejn qeda titlob mera ħdejn il-garage tagħha.

62.3.36 Din ir-residenta qed tgħid li tista teħel anke mal-faċċata tagħha.

62.3.37Hija qed tagħmel request ukoll biex l-street sign li kienet mwaħħla ma' 'Villa Gourgion' terġa titwaħħal peress li din it-tabella kienet inqalgħet meta kienu qegħdin isiru x-xogħolijiet ġo 'Villa Gourgion'.
Mrs Radmilli qalet li ma ghandix sign 'Triq Sir Ugo Mifsud'

62.3.38 Hija qed tagħmel request ukoll biex terġa teħel l-street sign ta' Transfiguration Avenue faċċata tar-residenza tal-Kappillan li kienet inqalgħet ukoll meta kienu qed isiru x-xogħolijiet ġo 'Villa Gourgion'.

62.3.39Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jerġgħu jitwaħħlu. Dawn is-signs kienu nżammu mis-sid ta' 'Villa Gourgion'.

62.3.40 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tistaqsi lir-residenta ta' din il-Villa għal dawn is-signs

62.3.41 Il-Kunsill qabel li jekk ma taċċettax li jitwaħħlu mal-Villa tagħha, dawn għandhom jitwaħħlu fuq 'pole'.

62.3.42 Fuq il-mera li kienet talbet ir-residenta ta' 'Villa Gourgion' il-Kunsill qabel li għandna nitkellmu magħhom biex naraw jekk taqbilx li din il-mera tiġix angolata mat-tarf tal-bankina tagħha.

62.3.43Is-sid tal-ħanut tal-Villaġġ qed jagħmel request biex fi Triq il-Forn fil-kantuniera fejn il-ħanut tiegħu jitwaħħal CCTV camera. Huwa ssuġġerixxa dan wara li sar kuntatt miegħu mill-Kunsill biex ngħidulu li daħlilna rapport li l-ġimgħa huwa kien ħareġ żewġ stools barra quddiem il-ħanut.

62.3.44Huwa qal li jekk ma tridux li joħroġ dawn l-stools għamlu CCTV Camera biex taqbad lil dawk il-karozzi li jipparkjaw fuq il-bankina għax għalhekk qed jagħmel l-stools minħabba safety. Ġieli lanqas bieb ma jkun jista jiftaħ għax anke mutur eżatti mal-entratura jipparkja.

62.3.45 Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-U-Bars kif kienu approvati mit-Transport Malta imma fuq is-CCTV camera, il-Kunsill approva li ssir imma għas-spejjes tas-sid tal-Villaġġ.

62.3.46Il-Kunsill qabel li mhux ser jaċċetta li l-ebda bar joħroġ l-imwejjed jew stools barra quddiem il-ħanut peress li hemm bars oħra li jkunu jixtiequ jagħmlu l-istess.

62.3.47Ritratt ta' Triq il-Kunċizzjoni biex jiġi deċiż fejn għandha ssir is-sleeping policeman li ġiet approvat mit-TM wara li saret pettizzjoni mill-Kunsill iffirmata mir-residenti.

62.3.48 Ġie mmarkat fejn għandha ssir din l-sleeping policeman maqsuma minn nofs. Għandna nistaqsu lir-residenta li quddiemha ġejja din l-sleeping policeman jekk ikunux tajjeb għaliha jekk din issir ħdejn il-bieb tagħha.

62.3.49 Residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira faċċata ta' l-hairdresser tixtieq terġa tagħmel request biex isir kaxxa safra quddiem il-garage tagħha. Hi ġiet il-Kunsill fejn spjegajnilha li quddiem garage kaxxa safra ma tistax isir aktar pero hi xtaqet tressaq din ir-request lill-Kunsill għal fatt li Ħal Lija mimlija bil-kaxxi sofor quddiem il-garages anke fi triq tagħha stess.

62.3.50 Il-Kunsill ma qabilix li għandha ssir din il-kaxxa safra li fuq kollox din ma tiswa xejn differenti minn kaxxa bajda.

62.3.51 Lil din ir-residenta għandna ngħidulha li għandha tagħmel 'No Parking' u 'Tow Zone Sign' fuq il-bieb tal-garage u jekk ikun hemm problema ċempel lill-Pulizija.

62.3.52Resident qiegħed jagħmel request lill-Kunsill biex tissewwa l-spaction ta' dranaġġ li għandu fi triq Sant'Andrija ma' ġenb id-dar tiegħu għaliex ir-resident qeda jinsisti li din kienet inkisret bix-xogħolijiet li kienu saru.

62.3.53 Il-Kunsill qabel li din għandha tissewwa mill-Kunsill peress li din inkisret minħabba ix-xogħolijiet tal-Kunsill.

62.3.54Qegħda terġa titniżżel request ta' resident biex jitneħħew is-sinjali sofor quddiem bank li jinsab fi sqaq il-Kunċizzjoni u mhux fi Triq il-Kunċizzjoni. Fl-istess ħin ma ninsewx li residenta trid tagħmel *refreshing* ta' dawn il-linji.

62.3.55 Bħal ma ġie deċiż fl-aħħar laqgħa għandhom isiru l-*corners* filwaqt li jibqgħu il-yellow lines li għandhom isiru *refreshed*.

62.3.56Is-Sur Frankie Buttiġieġ tal-Festi Esterni jixtieq jagħmel request għal 'No Parking Signs' bħal kull sena għal żewġ parking bays minn Ġunju sa Awwisu fi triq il-Kbira quddiem il-maħżen tal-festa biex ma jiparkjawx mill-5.00pm sa 11.00pm min barra il-weekend.

62.3.57 Il-Kunsill approva din ir-request.

62.3.58 Is-Segretarju ressqet quddiem il-Kunsill l-approvazzjoni tar-risposta tal-Management Letter.

62.3.59 Hija kienet bagħtet lill-Kunsill kollhu r-risposta ta' din il-management letter b-email.

62.3.60 Il-Kunsill approva din il-managment letter.

62.3.61 Resident qed jagħmel request biex madwar ir-raħal kollu speċjalment fil-village core isiru 'speed limit' signs ta' 25 jew 30. Jekk ma jsirux fuq il-pjanċi minħabba li huma għoljin bħala prezz dawn jistgħu jsiru biż-żebgħa.

62.3.62Dan għaliex kulħadd qed jgħaddi bi speed qawwi. Apparti minn hekk huwa qed jitlob ukoll biex fi triq Sir Ugo Mifsud quddiem Bonaci jsir *continoues white line* fin-nofs. Dan għaliex it-triq hemmhekk hija *two-way* u ħadd ma jaf iżomm man-naħa tiegħu u kulħadd qed joħloq periklu għax jgħaddu minn nofs.

62.3.63 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u s-Sindku kkonfermat li matul ir-raħal kollu hemm ħafna minn dawn l-speed limit signs.
62.3.64 Il-Kunsill approva li għandu isir 'white line'fin-nofs' fi triq Sir Ugo Mifsud quddiem Bonaci.
62.3.65 Dan ghandu ikun għal *indication* imma jiġi maqtgħuh u mhux *continuous* biex ikunu jistgħu idawru minn naħa għal naħa oħra.
62.3.66 Trid tintbagħat request lit-TM għal dan il-line.
62.3.67Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tagħmel request biex minn naħa ta' fejn joqgħod is-sagristan ftit l-isfel faċċata ta' Bonaci isir motorcycle bay.
62.3.68 Hija ressqet suġġeriment jekk għandhomx jiċkienu xi tlett parking bays biex ikun jista' jsir motorcycle bay.
62.3.69 Din ir-request għad trid tiġi studjata ftit.
62.3.70Is-Segretarju ressqet quddiem il-Kunsill il-bżonnijiet ta' l-istaff fejn tidħol l-uniformi.
62.3.71 Ġie approva li jinxtara qalziet u żewġ qomos lil tnejn mill-istaff għal prezz ta' €47.50 u €51.12 rispettivament.
62.3.72 Is-Sur Mark Sciberras obo Banda San Pio X qiegħed jagħmel request bħal kull sena biex 14 ta' Lulju l-Pjazza tkun magħluqa minn naħa tal-Kazin ta' San Pio X biss bejn 4:30p.m. – 12:00a.m. iġifieri n-naħa ta' l-ispiżerija tkun miftuħa, kif ukoll isiru 'NO Parking Signs' fl-istess ħin bejn 4:30p.m. – 12:00a.m. minħabba li ser jiġi organizzat BBQ għall-okkażżjoni tal-Festa 2017.
62.3.73 Il-Kunsill approva din ir-request imma il-ħin għandu jkun bejn 4:30p.m. sal-11:30p.m. bħal ma kien ġie approvat is-sena l-oħra.
62.3.74Residenta li toqgħod Nr.12 Triq Antonio Azzopardi Ħal Lija qed tistaqsi jekk il-bankina ta' quddiem id-dar trid issir minna jew mill-Kunsill. Meta ġiet toqgħod hemm din il-bankina kienet diġa eżistenti imma issa ġiet tiżloq. Tixtieq risposta biex kif il-ġara ser tagħmel tagħha ssir tagħha ukoll.
62.3.75Din ir-residenta qed tistaqsi dan biex tkun ċerta li ma tkunx qed tagħmel xi ħaġa kontra l-liġi.
62.3.76 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u qablu li l-bankina dejjem għanda ssir mill-Kunsill imma għandna nibgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill biex jekk din il-bankina qegħda tiżloq huma għandhom joborxuha.
62.3.77Is-Segretarju resqet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-risposta mingħand is-Sur Domenic Vella tat-TM wara li l-Kunsill staqsa għal l-opinjoni tiegħu fir-rigward ta' triq San Liċinju u kemm għandhom jitneħħew 'parking spaces' minħabba l-aċċidenti li kienu qegħdin isiru.
62.3.78 Din ir-risposta li rċevejna mingħand it-TM bħal ma ġie ssuġerit mingħandhom stess għandna tintbagħat lill-Perit biex isir studju ta' dik l-area u jiġi propost 'traffic management setup'.
62.3.79 Proposta li għandna tinkludi bidla ta' toroq minn two-way għal one-way, sinjali ta' traffiku, road markings, speed signs fuq arbli, stop signs u parkings bays.
62.3.80 Il-Kunsill qabel li għandna tintbagħat din l-e-mail lill-Perit flimkien mar-ritratti ta' l-aċċident li seħħew f'din it-triq.
62.3.81Il-Kunsill qabel li meta jiġi l-Perit għandna nibgħatuh ukoll fuq l-affarijiet pendenti li għandna.
62.3.82Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill dwar ir-resident li kien talab biex jara korrispondenza fuq l-*issue* ta' Sqaq Nru.2 triq Preziosi.
62.3.83 Is-Segretarju reġgħet fakkret lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mad-Data Protection Act, l-Avukat tal-Kunsill u kien mistieden ukoll id-Direttur tal-Gvern Lokali, fuq dil-kwistjoni f'Jannar 2017.
62.3.84 Fuq is-suġġeriment tad-Data protection Act u l-Avukat tal-Kunsill kien issuġerit li għandna ssir black out ta' kull korrispondenza li hemm fuq din l-issue fejn jidħlu terzi persuni.

62.3.85 Is-Segretarju kkonfermat li dan l-exercise sar mill-uffiċċju tal-Kunsill fejn sar photocopy tal-file kollu, sar il-blackout fejn kien hemm bżonn u wara reġgħa sar photocopy tal-fili kollu mill-ġdid.

62.3.86 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li tingħata din il-korrispondenza, pero xtaq li għanda terġa tintbagħat e-mail oħra lid-Data Protection u d-Dipartiment biex jiġi iċċarat il-kelma 'provide' li kienet miktuba fl-e-mail tad-Data Protection xi tfisser eżatt għax tista tfisser jew jingħataw id-dokumenti lir-residenti jew inkella r-resident jara id-dokumenti fl-uffiċċju.

62.3.87Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kif diġa ndunaw is-*small playarea* ġol-ġnien Ċentru Rikreattiv ġie magħluq minħabba li huwa ta' periklu għax ir-rubber flooring li hemm qed jiċkien bis-sħana u hemm gaps bejn it-tiles.

62.3.88 Hija qalet li ġie xi ħadd 'on site' biex jara dan ir-rubber flooring u naraw x'jista jsir u dan tana l-kwotazzjoni li tammonta għal €1,056.10.      .

62.3.89 Mill-uffiċċju qed nipprovaw inġiebu żewġ kwotawzzjonijiet oħra imma kien hemm min l-anqas biss ried jagħtina kwotazzjoni peress li ma jistax jagħtina garanzija fuq ix-xogħolijet.

62.3.90 Dan peress li dan ir-rubber flooring fix-xitwa jespandi allura it-tiles jogħlew u fis-sajf jiċkien minħabba s-sħana.

62.3.91 Min tana l-kwotazzjoni ma setax jagħtina garanzjia tax-xogħolijiet minnħabba din is-sitwazzjoni.

62.3.92 Il-Kunsill staqsa jekk hemmx xi option oħra ta' x'jista jsir.

62.3.93 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li hemm *option* oħra imma irid jinqala kollu.

62.3.94 Ġie deċiż mill-Kunsill li jrid jiġi iċċekkjat iktar fuq l-*option* l-oħra u anke bħala spejjes.

## 62.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

62.4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet lill-Kunsill li peress li wasal is-sajf hija tixtieq bħal ma tagħmel kull sena torganizza xi attivitajiet.

62.4.2 Hija ressqet quddiem il-Kunsill li tixtieq torganizza attivita' għat-tfal bejn l-14 u 17 il-sena, oħra għat-tfal minn 5 snin sa 13 –il sena u anke attivita' oħra għal l-adulti għall-ġurnata Għawdex

62.4.3 Hija qed tistaqsi li peress li fil-Budget hemm somma allokata għall-attivitajiet li tammonta għal l-ammont ta' €4,000.00, hija tixtieq li jiġu ssussidjati l-brochures, u trasport għal kull attivita'.

62.4.4 Kien hemm diskussjoni fuq din l-issue peress li l-Kunsill ma qabilix għal kollox li għandu ikun hemm dan is-sussidju.

62.4.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia baqgħet issostni li hija qeda *within* il-Budget li kien ġie approvat mill-Kunsill.

62.4.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, issuġerit li xorta għandna nżommu mal-minimum ta' l-attivitajiet minħabba s-sussidju.

62.4.7 Is-Sinjorina Farrugia qalet li fl-attivita t'Għawdex kollox ser ikun inkluż fil prezz ħlief it-trasport minn Ħal Lija sa ċ-Ċirkewwa u lura.

62.4.8 Għandu jerġa' jiġi forwarded il-Budget fil-Kunsill biex naraw li ma jinqabeż l-ammont.

62.4.9 Mhux il-Kunsill kollu qabel ma din ir-request ta' sussidju u s-Segretarju enfasizzat ukoll li għalkemm is-sena finanzjarja li għalqet fit- 2016 ma kienetx ħażina xorta waħda għadna taħt l-FSI u irridu noqgħodu attenti kif nonfqu l-flus.

62.4.10Bħala Kunsill għandna naraw iktar il-prioritajiet.

62.4.11Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija ser tibda taħdem fuq l-attivitajiet.

## 62.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

62.5.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill e-mail li kienet waslet mingħand ir-Reġjun Ċentru fuq għoti mill-ġdid ta' tarmac lit-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali.
62.5.2 Is-Sindku tkellmet fuq din l-inzjattiva li l-ammont ta' €100,000 ser jinqasam bejn it-tlettax – il Kunsilli kollha tar-Reġjun biex isir tarmac fit-toroq biss.
62.5.3 Hija kompliet tgħid li jekk il-Kunsilli kollha jiġu bżonn dawn il-fondi kull ma nieħdu huwa l-ammont ta' €7,000.
62.5.4 Il-Kunsill qabel li għandna nidħlu għal din l-inizjattiva finanzjarja bil-ħsieb li nagħmlu biċċa *patching* sewwa.
62.5.5 Irridu nwieġbu lir-Regjun li l-Kunsill ta' Ħal Lija interessat u li l-ħsieb huwa li jsir *patching* in-naħa ta' fuq ta' Triq Annibale Preca fejn ma kienx sar minn Polidano Brothers meta kien sar il-proġett tal-PPP.
62.5.6 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill biex isiru dawn ix-xogħolijiet trid tinħareġ tender tal-patching peress li t-tender tal-patching skadiet f'Mejju.
62.5.7 Il-Kunsill qabel dwar dan.
62.5.8 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li jrid jiġi ikkonfermat ir-replacement flok Dr.Marc Sant biex jagħmel parti mill-Kumitat tal-finanzi.
62.5.9 Il-Kunsill unanimamnent qabel li s-Sinjorina Lorraine Farrugia tkun maħtura f'dan il-Bord flimkien mas-Sindku,s-Segretarju u l-Accountant.

## 62.6 Update fuq l-attivita' ta' Jum Ħal Lija

62.6.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill bl-update fuq Jum Ħal Lija.
62.6.2 Hija tkellmet mal-ħaddiema tal-Kunsill biex jekk jiġi deċiż li Jum Ħal Lija jsir fil-ġnien ikunx problema biex jiġi provdut id-dawl.
62.6.3 Il-ħaddiema ikkonfermaw li m'hemmx problema ta' dawl peress li hemm tlett points minn fejn jittieħed id-dawl.
62.6.4 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li jekk Jum Ħal Lija jsir fil-ġnien l-ispejjes ikunu inqas peress li ma jkunx hemm bżonn li jingħalqu t-toroq.
62.6.5 Fuq il-venue, il-Kunsill qabel li għandu isir fil-ġnien.
62.6.6 Is-Sindku kompliet tagħti xi dettalji ta' min ikkuntatjat biex ikun hemm stalls ta'l-ikel.
62.6.7 Kull min ġej dan ġej mingħajr ħlas ħlief is-show tal-ballerina prinċipali li ser tiċċarġjana €80.00
62.6.8 Is-Sindku ssuġerit ukoll li għandna ngħidu lill-Każin tal-Banda San Pio X u ta' Sant' Andrija biex itellgħu mejda Maltija bejniethom.
62.6.9 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.
62.6.10 Għandu jiġi ikkuntatjat is-Sur Alex Massa għal PA system.
62.6.11 Is-Sindku qalet li bħala mwejjed nistgħu ngħidu lill-Kappilan biex niffrankaw il-flus tat-trussels.
62.6.12 Is-Sindku għandha tkompli tagħmel il-kuntatti neċessarji.
62.6.13 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi ħsieb lil min għandu jingħata Ġieħ Ħal Lija din is-sena.
62.6.14 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija kienet diġa issuġerit li għandu jingħata lil xi ħadd mill-għaqdiet iż-żgħar.
62.6.15 Għandna tintbagħat l-informazzjoni lill-Kunsilliera ta' l-għaqdiet kollha ta' Ħal Lija flimkien ma'l-għaqdiet iż-żgħar u jiġi deċiż lil min jingħata Ġieħ Ħal Lija.
62.6.16 Is-Sindku qalet li jekk ma jkunx hemm xi ħadd li veru jkun jixraqlu li jieħu Ġieħ Ħal Lija dan ma jingħatax għal din is-sena.

**62.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash**

62.7.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2017, u l-skeda tal-petty Cash.
62.7.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia u s-Sur Salvu Farrugia ma approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.
62.7.3 Is-Sinjorina StephanieCutajar nfurmat lill-Kunsill li hija riedet tnaqqas it-taxxa mill-allowance tagħha għax ħadd ma kien infurmha, allura l-pagament tagħha kien irid jinbidel.
62.7.4 Fuq l-email li kienet intbagħtet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, qiegħed jiġi ssuġerit li t-tnaqqis tat-taxxa għandu jkun ta' 20%.
62.7.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia reġgħet staqsiet fuq il-formola li wara li titħallas it-taxxa kollha timtela' formola u l-taxxa kollha li tkun tħallset tiġi refunded lura.
62.7.6 Għanda terġa tintbagħat e-mail lis-Sur Fava ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex naraw minn fejn nistgħu nġiebu l-formola biex tintbagħat lill-Kunsill.
62.7.7 Fuq proposta tas-Sur Stephanie Cutajar sekondata mis-Sur Massimo Scerri, il-pagamenti u l-lista tal-petty cash ġew approvati unanimament.

**62.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

62.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.17p.m. hu ġiet aġġornata għal nhar L-Erbgħa 26 ta' Lulju 2017, fil-5:00pm.
62.7.2 Ġie deċiż ukoll id-data tal-laqgha tal-Kunsill ta' Awwissu ser issir l-Erbgħa fit-30 t'Awwissu 2017 fil-5.00p.m.

IFFIRMATA

Magda Magri Naudi
Sindku

IFFIRMATA

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv